MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Talba Numru. 631/2014

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Mario FARRUGIA [ID. Nru. 327679M] u b'digriet datat 13 ta' April, 2014 giet kjamata fil-kawza Denise CAMILLERI [ID. Nru. 550848M].**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fid-9 ta' Settembru 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' hames mija wiehed u disghin euro u wiehed u hamsin centezmi ta' euro [€591.51c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mija u wiehed u disghin ewro u wiehed u hamsin centezmi (€591.51) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta'

kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40410923 u A/C40373804 moghtija mis-socjeta attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY 1 u Dok IZY 2 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40410923 u Dok IZY3 u Dok IZY 4 – prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40373804 u Dok IZY 5 estratt mir-Registru Elettorali.

Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas izda baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghxijiet legali kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni".

Ra li l-intimat gie debitament notifikat fit-23 ta' Settembru, 2014.

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fl-10 ta' Ottubru, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"Illi l-ammont reklamat ma' ghandux jithallas mill-eccipjenti izda ghandu jithallas minn Denise Camilleri kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez."

Ra l-verbal tat-13 ta' Ottubru, 2014 fejn it-Tribunal laqa' t-talba tal-intimat sabiex tigi kjamata fil-kawza Denise Camilleri.

Ra li Denise Camilleri giet debitament notifikata fil-31 ta' Ottubru, 2014 u li la resqet risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti miżmuma quddiem it-Tribunal.

Ra l-verbal tas-seduta tal-4 ta' Marzu, 2015 fejn dehret l-Avukat Dottor Martha Mifsud ghall-intimat li talbet li tressaq il-provi ta' l-intimat f'seduta ohra. It-Tribunal laqa t-talba u ordna li fis-seduta li jmiss jitressqu l-provi kollha tal-intimat u tal-kjamata fil-kawza.

Semgha x-xhieda ta' Charmaine Wiffen rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti tikkonferma li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta rikorrenti, fl-4 ta' Marzu, 2015, kopja ta' liema inghatat lill-kontro-parti. F'din in-nota gie dikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex aktar provi xi tressaq in sostenn tat-Talba taghha.

Ra li fis-seduta tad-29 ta' April, 2015 regghet dehret Dr. Martha Mifsud li nfurmat lit-Tribunal li l-intimat ma kkomunikax la maghha u lanqas ma l-Avukat Dr. Edward Gatt. Dr. Mifsud regghet talbet differiment sabiex l-intimat ikun jista jressaq il-provi. Dr. Ingrid Zammit Young ghas-socjeta rikorrenti opponiet ghal din it-talba peress li l-intimat kien inghata diga opportunita sabiex iressaq il-provi tieghu. It-Tribunal cahad it-Talba u ddikjara l-provi tal-partijiet maghluqa.

Ra li Dr. Ingrid Zammit Young iddikjarat li s-socjeta rikorrenti ma kellhiex provi aktar xi tressaq u talbet lit-Tribunal sabiex jghaddi ghas-sentenza, liema talba t-Tribunal laqa'.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob il-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' hames mija wiehed u disghin euro u wiehed u hamsin centezmi ta' euro [€591.51c] in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40410923 u A/C40373804.

Ikkunsidra;

2. Ir-rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti xehdet fis-seduta tal-4 ta' Marzu, 2015 li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat.

3. L-intimat fir-risposta tieghu sahaq li l-ammont reklamat ma' ghandux jithallas mill-eccipjenti izda ghandu jithallas minn Denise Camilleri kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza.

4. Is-socjeta rikorrenti esebiet nota fl-4 ta' Marzu, 2015 u li permezz taghha esebiet:

   Dok. GO 1: kopja ta' GO Service Order Form ghas-servizz bl-akkont numru AC40373804, flimkien ma' prokura relattiva sabiex Diane Camilleri tiffirma minflok Mario Farrugia, u anke kopja tal-karti tal-identita taghhom.

Dok. GO 2: kopja ta' GO Service Order Form ghas-servizz bl-akkont numru AC40410923, flimkien ma' prokura relattiva sabiex Diane Camilleri tiffirma minflok Mario Farrugia, u anke kopja tal-karti tal-identita taghhom.

Ikkunsidra ulterjorment;

5. Fil-kaz odjern, il-kjamata fil-kawza baqghet ma resqet l-ebda risposta fit-terminu stabbilit mill-ligi ghat-Talba tas-socjeta rikorrenti u lanqas qatt ma dehret ghas-seduti quddiemu. Da parti tieghu l-intimat ressaq risposta izda anke hu qatt ma deher ghas-seduti mizmuma quddiemu. Kif inhu maghruf, il-fatt li dak li jkun ma jressaqx risposta xorta wahda jinkombi fuq is-socjeta rikorrenti sabiex tipprova l-kaz taghha. Fil-fehma tat-Tribunal, is-socjeta rikorrenti irnexxielha taghmel dan.

6. Jifdal biss li tigi determinata l-kwistjoni mqanqla mill-intimat fir-risposta tieghu u cioe li l-ammont reklamat ma' ghandux jithallas mill-eccipjenti izda ghandu jithallas minn Denise Camilleri kif ser jirrizulta waqt is-smiegh tal-kawza. Provi l-intimat baqa ma ressaq qatt l-ghala t-Tribunal kellhu jilqa din l-eccezzjoni tieghu. L-uniku prova li hemm huma zewg dokumenti (Dok. GO 1 u Dok. GO 2), esebiti mis-socjeta rikorrenti, u li permezz taghhom jirrizulta li l-intimat kien ta zewg prokuri lill-kjamata fil-kawza sabiex hija tiffirma GO Service Order Form ghal zewg kontijiet, wiehed bin-numru AC40373804 u AC40410923. Dawn il-prokuri juru bic-car li s-servizz kien qieghed jigi mitlub ghan-nom ta' l-intimat. Fil-fatt insibu l-kliem "*empowering my/our Attorney to apply on my behalf for...*". Dan il-kliem fil-fehma tat-Tribunal huwa car u ma jhalli l-ebda dubbju li huwa l-intimat responsabbli ghal hlas tal-kontijiet odjerni fil-konfront tas-socjeta rikorrenti.

7. Ghalhekk, filwaqt li l-kjamata fil-kawza qeghda tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju in vista ta' dak li inghad hawn fuq, qieghed jigi riservat id-dritt lilu sabiex jipprocedi kontra l-kjamata fil-kawza jekk ikun il-kaz.

8. Kif diga inghad ukoll, it-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta ppruvata.

Ghalhekk, it-Tribunal, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1. Jillibera mill-osservanza tal-gudizzju lil kjamata fil-kawza.

2. Jichad l-eccezzjoni mqanqla mill-intimat u konsegwentement jghaddi biex jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti kif kontenuta fit-Talba taghha u konsegwentement jikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' hames mija wiehed u disghin euro u wiehed u hamsin centezmi ta' euro [€591.51c] bl-imghaxijiet legali kif mitluba fuq dan l-ammont jibdew jiddekorru mid-data ta' meta kienu dovuti, sad-data tal-hlas effettiv.

3. Qieghed jigi riservat id-dritt lill-intimat sabiex jipprocedi kontra l-kjamata fil-kawza jekk ikun il-kaz.

L-ispejjez kollha huma a kariku tal-intimat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------